2024/1525

27.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 33/2024

tat-2 ta' Frar 2024

li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2024/1525]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/444 tas-16 ta' Diċembru 2022 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'miżuri biex jiġi żgurat aċċess effettiv għas-servizzi ta' emerġenza permezz ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza għan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" ([1]) kif irrettifikat minn ĠU L 68, 6.3.2023, p. 182, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/468 tal-25 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2007/116/KE fir-rigward tal-introduzzjoni ta' numru riżervat addizzjonali li jibda b'116 ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XI tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 5cx (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE):

"- **32023 D 0468**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/468 tas-25 ta' Novembru 2022 (ĠU L 68, 6.3.2023, p. 96)."

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 5czsc (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/654):

"5czsd. **32023 R 0444**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/444 tas-16 ta' Diċembru 2022 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'miżuri biex jiġi żgurat aċċess effettiv għas-servizzi ta' emerġenza permezz ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza għan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" (ĠU L 65, 2.3.2023, p. 1), kif irrettifikat minn ĠU L 68, 6.3.2023, p. 182."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament Delegat (UE) 2023/444, kif irrettifikat permezz tal-ĠU L 68, 6.3.2023, p. 182 u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2023/468 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Frar 2024, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 275/2021 tal-24 ta' Settembru 2021 ([3]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

([1]) ĠU L 65, 2.3.2023, p. 1.
([2]) ĠU L 68, 6.3.2023, p. 96.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([3]) ĠU L …

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2024.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN